# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-14 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 804/15NHV
Numru fuq il-Lista: 9

**D.M.S. Import/Export Co. Ltd**
(C-25809) u
skont digriet tat-Tribunal datat nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2015,
isem is-soċjetà attriċi għandu jinqara bħala
**"D. Micallef & Son Import & Export Ltd."**

**vs**

**Warren Abraham Scicluna**
K.I. 382369(M)

u

**Melanie Scicluna**
K.I 114985(M)

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2015, li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta'

elfejn, mija u disgħa u disgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2,199.44), premess illi:

1. Is-soċjetà rikorrenti forniet lill-intimati jew min minnhom bi prodotti u/jew servizzi fuq ordni u inkarigu tagħhom stess, u dan fir-rigward tal-ħanut bl-isem Sweet Temptation Confectionery, li jinsab f'St. Mary Street, Rabat.

2. L-intimati naqsu li jħallsu s-somma ta' elfejn, mija u disgħa u disgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2,199.44), oltre l-imgħax legali, lis-soċjetà rikorrenti għall-prodotti u/jew servizzi foruniti lilhom minnha, u dan mingħajr raġuni valida fil-liġi.

3. Nonostante li l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għall-ħlas tal-ammont dovut minnhom lis-soċjetà rikorrenti, huma baqgħu inadempjenti u għalhekk kellhom jipu ppreżentati dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġbu jiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma debituri tas-soċjetà rikorrenti, u tordnalhom għalhekk sabiex iħallsu s-somma ta' elfejn, mija u disgħa u disgħin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2,199.44), oltre l-imgħax legali dekorribbli sad-data tal- effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 935/15, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1474/15 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1414/15, minn issa nġunti in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti, ippreżentata fl-4 ta' Diċembru 2015, illi permezz tagħha t-talbiet attriċi qed jiġu kkontestati stante illi:

1. L-ammont pretiż mill-attriċi mhux reali.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, l-attriċi għandha tagħti rendikont dettaljat u tippreżenta d-dokumentazzjoni kollha relatata dwar l-ammonti minnha pretiżi.

3. Illi fi kwalunkwe każ u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenuti ma xtraw ebda ‘upright freezer’ mingħand l-attriċi.

4. Illi fi kwalunkwe każ u u dejjem bla preġudizzju għas-suespost, l-attriċi tinsab debitriċi verso l-konvenuti esponenti fis-somma ta’ tmien mitt Euro (€800) rappreżentanti prezz ta’ ‘chest freezer’ mibjugħa u kkonsenjata li baqgħet ma tħallsitx, dwar liema qed titressaq il-kontro talba opportuna kontestwalment.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi nġunta in subizzjoni.

Ra l-**Kontro-talba** tal-konvenuti ppreżentata kontestwalment illi permezz tagħha l-konvenuti talbu l-ħlas mingħand is-soċjeta` attriċi tas-somma ta’ tmien mitt Ewro (€800) rappreżentanti:

prezz ta’ ‘chest freezer’ lilha mibjugħa u kkonsenjata li baqgħet ma tħallasx.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-attriċi rikonvenzjonata nġunta in subizzjoni.

Ra r-**Risposta għall-Kontrotalba** ippreżentata mis-soċjeta` attriċi fis-6 ta’ Jannar 2016 illi permezz tagħha s-soċjetà attriċi qed teċċepixxi:

1. Illi l-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi s-soċjetà rikorrenti ma xtrat ebda ‘chest freezer’ mingħand l-intimati.

3. Illi pjuttost huma l-intimati li għadhom ma kkonsenjawx lura l-fridge u l-freezer li s-soċjetà rikorrenti għandha fil-ħanut tal-intimati, liema fridge u freezer huma proprjetà tas-soċjetà rikorrenti u kienu qedgħin fil-ħanut tal-intimati sempliċiment biex jippromwovu l-prodotti tal-istess soċjetà.

4. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Ra d-dokumenti kollha prodotti mill-partijiet u sema' x-xhieda prodotti minnhom inkluż lill-istess partijiet;

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tat-30 ta' Ġunju 2016, fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Dwar it-talba

It-talba attriċi hija maqsuma f'żewġ partijiet: €599.44 għall-merċa ta' ikel mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut; €1,600 prezz ta' display fridge u display freezer mislufa lill-konvenut mis-soċjeta` attriċi.

Rigward l-ammont ta' €599.44, it-Tribunal huwa tal-fehma li dan l-ammont ġie debitament ippruvat mis-soċjeta` attriċi billi dina provdiet lit-Tribunal kopja ta' kull fattura mertu tal-kawża, debitament iffirmata mill-konvenut jew mill-ħaddiema tiegħu. (għajr għal fattura waħda ta' ammont iriżorju ta' €12.00). Inoltre jirriżulta li dawna l-fatturi ġew imnaqqsa sabiex jirriflettu biss l-oġġetti li ġew effettivament aċċettati mill-konvenut mal-konsenja (stante li xi oġġetti kienu jiġu rifjutati minnu). Jirriżulta wkoll illi l-credit note esebita mill-konvenut fol. 39 tal-proċess, hija kkonsidrata fil-prospett tas-soċjeta` attriċi u l-ammont ta' €58.62 ġie effettivament imnaqqas mis-soċjeta` attriċi sabiex waslet għall-ammont minnha pretiż.

Rigward l-ammont ta' €1600 rappreżentanti l-prezz tal-fridge u l-freezer, it-Tribunal iqis il-verżjoni tas-soċjeta` attriċi li dawna ġew mislufa lill-konvenut sat-terminazzjoni tal-attivita` kummerċjali tiegħu bħala waħda verosimili. Inoltre fuq il-prospett fol. 3 tal-proċess jirriżulta mniżżel "on loan 1 upright freezer and 1 upright fridge" u fuq kull fattura hemm imniżżel "on loan 1 upright freezer". Il-konvenut ingħata ċ-ċans illi jirritorna dawn il-fridge u l-freezer sabiex jevita li jħallas il-prezz tagħhom u dana fl-ittra interpellatorja mibgħuta lilu mis-soċjeta` attriċi ddatata 16 ta' Lulju 2014 (fol. 25). Fil-

kontro-eżami tiegħu huwa kkonferma li dawna kienu għadhom fil-pussess tiegħu u anke fl-ittra esebita fol. 40 tal-proċess.

Rigward il-prezz tal-imsemmija fridge u freezer, is-soċjeta` attriċi naqqset illi ġġib prova dwaru. Kien il-konvenut li esebixxa stima tal-imsemmija oġġetti li tinsab fol. 37 tal-proċess. Mill-istess stima jirriżulta illi jekk wieħed jixtri dawn illum huwa jonfoq €440 għall-fridge, €980 għall-freezer u €255.60VAT biex b'hekk dawna jammontaw għal €1675.60.

It-Tribunal iqis illi l-fridge u l-freezer mislufa u fil-pussess tal-konvenut m'ingħatawx lilu ġodda u għalhekk il-konvenut m'għandux jirrifondi prezz ta' fridge u freezer ġodda. Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed *arbitrio boni viri* jiddikjara l-prezz tal-fridge u l-freezer second hand fil-pussess tal-konvenut bħala wieħed komplessiv ta' elf ewro (€1000).

Dwar il-kontro-talba

Il-konvenut jallega illi huwa biegħ chest freezer bil-prezz ta' €800 lis-soċjeta` attriċi. Din ic-chest freezer tinsab dokumentata biss fl-ittra responsiva tal-konvenut (fol. 40) għall-ittra mibgħuta mis-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` attriċi tiċħad b'mod kategoriku li hija għandha fil-pussess tagħha tali chest freezer.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut bħalma talab credit note għall-ammont ta' €58.00, kien jitlob xi tip ta' riċevuta għal freezer ta' €800. Mill-bidu seta' jitlob illi l-prezz ta' tali chest freezer jiġi paċut mal-merċa kkonsenjata mis-soċjeta` attriċi u dana stante r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, iżda huwa għażel li ma jagħmilx dan.

Għaldaqstant it-Tribunal iqis l-allegazzjoni tal-konvenut bħala infondata u qed jiċħad l-istess kontro-talba.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' elf ħames mija u disgħa u disgħin ewro u erbgħa u u erbgħin ċenteżmu (€1599.44), filwaqt illi qiegħed jiċħad il-kontro-talba tal-konvenut. Konsegwentement it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elf ħames mija u disgħa u disgħin ewro u erbgħa u u erbgħin

ċenteżmu (€1599.44), bl-imgħax legali dekorribbli mit-30 ta' Settembru 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċċjali u/jew mandat/i kawtelatoju fl-ismijiet premessi, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur